MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 97/2013

Il-Pulizija

(Spettur Carol Fabri)

vs

**Noel Falzon**

iben Carmel, imwieled Sliema, fil-5 ta' Novembru, 1970, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 448770(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Noel Falzon quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-31 ta' Awwissu, 2012 ghal habta ta 5.10 p.m. fi Triq Professur Anton Tabone, B'Bugia:

1. Kiser il-garanzija mposta fuqu taht l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija lilu mill-Imhallef David Scicluna datata 19/10/2011, Appell Kriminali 149/11, fejn kien marbut biex izomm il-kwiet ma' Peter Paul Cutajar u il-familja tieghu, kif ukoll li jzomm il-bon ordni u il-paci pubblika;

2. Talli fl-istess data, lok u hin kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat, dagha u storbju;

3. Talli fl-istess data, lok u hin insulenta lil Pierre Cutajar Paris bi kliem baxx;

4. Talli fl-istess data, lok u hin imbotta minghajr ma darab lil Pierre Cutajar Paris;

5. Talli fl-istess data, lok u hin bl'imgieba tieghu kkaguna lil Pierre Cutajar Paris biza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuni jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti, ahwa subien u bniet.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta’ Frar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9, ikkundannatu tletin (€30) ammenda fuq ir-raba' akkuza fil-waqt li lliberatu fuq l-akkuzi l-ohra kollha.

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali tat-28 ta’ Frar, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat Noel Falzon hati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontra tieghu fejn ikkundannatu ghal hlas ta' ammenda ta’ €30 taht l-artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- u thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellat mhux hati ta' l- ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza u minflok issibu hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuza u timponi piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti manifestament ghamlet enucjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata ta' l-ipotezi tal-ligi. Ghaldaqstant l-esponent qieghed jintavola dan l-umli appell a bazi ta' dak li jipprovdi l- artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellat hati tar-raba' imputazzjoni izda lliberatu mill-kumplament. Irid jinghad illi fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni stante illi tali imputazzjoni kienet tirrigwarda l-ksur tal-garanzija li kienet imposta fuq l-appellat bis-sahha ta’ l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor. Imhallef David Scicluna fid-dsatax (19) ta' Ottubru 2011, l-Ewwel Qorti ma setghat qatt tillibera lill-appellat min tali imputazzjoni. Dan qed jinghad ghaliex la darba l-appellat gie misjub hati talli mbotta minghajr ma darab lil Pierre Cutajar Paris dan jindika b'mod car illi l-appellat naqas milli jzomm il-kwiet ma l-istess Pierre Cutajar Paris filwaqt li naqas ukoll li jzomm il-bon ordni ul-paci pubblika.

Illi l-appellat gie wkoll liberat mit-tieni imputazzjoni talli kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat, dagha u storbju. Illi fl'affidavit maghmul min PS1312 Hadrian Sultana l-istess Surgent Sultana sostna li meta hu kellem lil Carmelo Brincat li kien ukoll xhud fil-kawza quddiem l-Ewwel Qorti minhabba l-fatt li kien prezenti waqt li gara l-incident, l-istess Carmelo Brincat xehed illi hu kien semgha lil Noel Falzon ighajjat u jitkellem hazin. In vista ta' dan allura l-Ewwel Qorti ma setghet qatt ma ssib lill-appellat mhux hati tat-tieni imputazzjoni stante li dan il-fatt gie pruvat hekk kif inhu rikjest mill-ligi.

Illi rigward it-tielet imputazzjoni ghalkemm ir-rapport tal-PIRS maghmul minn PS 1312 Hadrian Sultana ma jinsabx fl-atti ta' din il-kawza huwa rrapurtat illi l-appellat insulenta lil Pierre Cutajar Paris u dan johrog ukoll mix-xhieda moghtija minn Carmelo Brincat ix-xhud ewlieni li kien prezenti meta nqala dan l-incident. Ghaldaqstant wiehed ma jistax jikkomprendi kif l-ewwel Qorti naqset milli ssib htija fil-konfront ta' l-appellat f’dan ir-rigward la darba dan l-agir min-naha ta' l-appellat gie wkoll manifetament pruvat.

Illi l-Ewwel Qorti filwaqt li sabet lil-appellat hati talli mbotta minghajr ma darab lil Pierre Cutajar Paris ma sabitux hati talli kkaguna lill-istess Pierre Cutajar Paris biza' li ser tintuza vjolenza kontrih. Irid jinghad illi din ma kienitx l-ewwel darba li kien hemm problemi bejn il-partijiet u kif intqal iktar il-fuq kien hemm garanzija mposta mill-Qorti ta' l-Appell f’kawza precedenti. Ghaldaqstant, huwa car illi bl-agir ta' l-appellat u il-fatt li l-appellat fizikament imbotta lil Pierre Cutajar Paris huwa bizzejjed biex tali biza' tirrizulta iktar u iktar fid-dawl tal-fatt illi nonostante li kien hemm garanzija l-appellat ma kkonsidrax tali garanzija u irrejagixxa b'dak il-mod. Dan ghalhekk jindika bl-iktar mod car illi tali azzjoni setghet tohloq biza' li ser tintuza vjolenza fil-konfront tal-vittma.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-punt li ghandu jigi deciz hi l-eccezzjoni li tqajmet mid-difiza ta' l-appellat u cioe' li l-Avukat Generali ma kellu ebda dritt ta' appell fil-kaz in ezami.

Illi l-Avukat Generali bbaza l-appell tieghu fuq il-fatt li l-ewwel Qorti 'manifestament ghamlet enucjazzjoni, interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata ta' l-ipotezi tal-ligi'. Dan sar a bazi tal-artikolu 413(1)(b)(iv) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-gurisprudenza ta' din il-Qorti kient dejjem fis-sens li ma jistax isir appell mill-Avukat Generali meta s-sentenza li qed tigi appellata tkun bazata fuq apprezzament ta' fatti, korretti jew le. Fuq dan il-binarji hemm sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet: Il-Pulizija v. Andre Carbonaro deciza fl-24 ta' Ottubru, 2002 (per l-Imhallef Joseph Galea Debono).

Illi fis-sentenza dejjem ta' din il-Qorti fl-ismijiet: Il-Pulizija v. Spiridione Aquilina et deciza fit-12 ta' Frar, 1999 (per l-Imhallef Vincent Degaetano) gie stabilit li d-dritt ghall-appell mill-Avukat Generali jitwieled meta l-ewwel Qorti tkun applikat jew interpretat hazin il-ligi:

> "...ossia tkun ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi liema enuncjazzjoni zbaljata jew inkkompleta stghet incidiet fuq il-fatt li l-imputat gie liberat. Din id-dispozizzjoni pero' ma taghtix dritt ta' appell lill-Avukat Generali meta l-ewwel Qorti tkun illiberat minhabba apprezzament hazin, zbaljat jew inkomplet tal-fatti, hlief jekk ikun jirrizulta li tali apprezzament hazin tal-fatti ikun ir-rizultat ta' applikazzjoni jew interpretazzjoni zbaljata tal-ligi, b'mod ghalhekk li dak l-izball ikun essenzjalment zball ta' dritt u mhux zball ta' fatt."

Illi meta ssir analizi tas-sentenza appellata jirrizulta li l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha "fuq l-iskorta tal-provi prodotti".  Ma ghamlet ebda apprezzament iehor u ghalhekk il-konsegwenza ta' dan il-fatt hu car.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-eccezzjoni ta' l-appellat dwar l-inappellabilita' da parti ta' l-Avukat Generali tas-sentenza appellata u tiddikjara l-appell irritu u null. Ghalhekk, bhala konsegwenza ta' din id-dikjarazzjoni  ma tiehux konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------